# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Marzu, 2001 .

### Avviz numru : 53/00G2(PC)

**Alfred u Michelina Axiaq .**

**VS**

**Connie Vella .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenuta tghid ghaliex ma ghandhiex tigi kkundannata minn din il-Qorti tizgombra mill-fond 5, Alfina Flats, Triq Manwel Magro, Marsalforn, stante li hi baqghet inadempjenti fl-obbligi kontrattwali taghha senjatament il-hlas puntwali tal-kera u dana wara li giet ripetutament interpellata ghal dan l-ghan .**

**Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju huwa ta' LM365 (tlett mija u hamsa u sittin lira maltin) fis-sena .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenuta b'dan l-avviz, liema riferta ggib id-data tat-30 ta' Awissu, tas-sena elfejn . Innutat illi l-istess konvenuta debitament notifikata b'dan l-avviz, baqghet kontumaci u ma wegbitx ghal din il-kawza .**

**Semghet ix-xhieda ta' Alfred Axiaq, l-attur .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-istess attur, prezentata llum stess, li permezz taghha gew esebiti, ittra ufficjali ta' Lulju tas-sena elfejn, indirizzata lill-konvenuta Connie Vella, kif ukoll ittra interpellatorja li ggib id-data tas-26 ta' Lulju tas-sena elfejn, indirizzata wkoll lill-istess Connie Vella, fejn dina giet interpellata biex thallas il-kera dovuta fuq il-flat mikri lilha mill-atturi .**

**Il-Qorti ghal hekk u in vista tad-depozizzjoni ta' l-attur u tad-dokumenti minnu esebiti, peress li jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici, u tikkundanna lill-konvenuta Connie Vella, sabiex tizgombra mill-fond Flat 5, Alfina Flats, Triq Manwel Magro, Marsalforn, fi zmien xahar mil-lum, u dana peress illi l-istess konvenuta baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha kontrattwali, illi thallas puntwalment il-kera dovuta fuq il-fond mikri lilha .**

**Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

Si5300Pc
312